# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 27

**It-Tnejn, 26 t' Ottubru, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 27.01 Qari tal-ittri t' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri tal-apoloġiji tal-Kunsillieri (JB) u (CS). Il-kunsilliera preżenti approvaw l-ittra t' apoloġija, kemm tal-kunsillier (JB), minħabba raġunijiet ta' saħħa, kif ukoll tal-kunsillier (CS) minħabba iżolament relatat mal-COVID-19.

## 27.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 26)

27.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (26). Għaldaqstant, inġibdet l-attenzjoni mil-kunsillier (SZ) fejn talab, sabiex isiru emendi f' dawn il-paragrafi: (26.04.03 – fl-aħħar vers) tinbidel is-sentenza u ssir taqra: Is-Sindku reġa' staqsa jekk bejn il-piċċ tal-boċċi u s-seaside, jekk hux ser isir. Il-kunsillier (AC) qal, li ser issir bħala parti mill-proġett ta' Wied il- Buni. Para. (26.04.05 – l-ewwel vers): Is-Sindku tkellem ukoll fuq tapira li qiegħda fi Triq Birżebbuġa, taħt ir-ridott ta' San Ġorġ. Para. (26.05.21 – l-aħħar vers): easy band u għotjin, u titfa' ikel kemm ikollok bżonn. Para. (26.05.24 – l-aħħar vers): is-sur ta' Wied il-Buni, in-naħa tal-parkeġġ. Fl-istess para. il-kunsillier (JBD) xtaqet li jiżdied vers ieħor li jgħid: Il-kunsillier (JBD) issuġġerit fejn jipparkjaw id-dgħajjes f' San Ġorġ. Fl-istess para. fl-ewwel vers, il-kunsillier (DP) talbet, sabiex fl-ewwel sentenza tiżdied: l-ammont kbir ta' qtates li hawn jiġġerrew ġewwa Birżebbuġa.

Madankollu, il-Minuti (26) ġew approvati. Il-proponent kien il-kunsillier (SZ), is-sekondat mill-viċi Sindku.

## 27.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

27.03.01 (SE) ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti numru 10/20, li tkopri xiri bejn is-7 ta' Settembru u t-23 t' Ottubru. Inġibdet l-attenzjoni mill-viċi fir-rigward vers 47. Madankollu, l-għada ngħatat spjegazzjoni mill-uffiċċju li kien ġie mniżżel isem sid il-ħanut, minħabba raġunijiet bankarji. Kemm l-iskeda ta' pagamenti, kif ukoll il-petty cash, ġew approvati. Il-proponent tal-iskeda kien (AC), is-sekondat minn (JBD).

## 27.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

27.04.01 Il-kunsillier (SZ) ressaq kwotazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill, mingħand MS Advisory Services, għal pubblikazzjoni tat-tenders marbuta mal-Ġnien tal-Papa. Tender wieħed jittratta dwar tisbiħ tal-ġnien (landscaping), filwaqt li l-ieħor jittratta fuq street furniture, CCTV u bords edukattivi. Is-somma kwotata għal pubblikazzjoni ta' dawn it-tenders twassal għal ammont ta' €1,180.00 (VAT ink.) kull tender. Ammont globali ta' €2,360.00.

Filwaqt li l-kunsilliera approvaw din il-kwotazzjoni, il-viċi Sindku għamila ċara li mbasta din il-kumpanija tagħmel l-uploading kollu hi fis-sistema tal-EPPS u ssegwi kull dokument marbut ma' dawn it-tenders, speċjalment min-naħa tad-dipartiment tal-kuntratti.

## 27.05 Approvazzjoni tat-third quarterly report

27.05.01 Ġie preżentat għall-approvazzjoni, ir-rapport imħejji mill-accountant tal-Kunsill, lima rapport jara n-nefqa u dħul tat-tielet kwart ta' din is-sena, 2020. Dan ir-rapport għadda għall-approvazzjoni wara li sar spjegazzjoni d-dettaljata tiegħu, ftit ġranet qabel, mill-accountant.

Filwaqt li l-kunsilliera faħħru r-rapport professjonali, approvawh. Il-proponent kien il-viċi Sindku, is-sekondat minn (SZ).

## 27.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.06.01 Is-Sindku talab lis-(SE), sabiex tikteb lil Perit Penza biex jagħmel żewġ ġebliet sura mal-kantuniera tas-Sur ta' Wied il-Buni.

27.06.02 Is-Sindku tkellem dwar il-problema ta' qtugħ ta' bozoz li għandna fil-preżent. Dan il-għaliex għadna nistennew il-final tal-kuntratt il-ġdid, min-naħa tar-Reġjun ta' Nofsinhar.

27.06.03 Is-Sindku tkellem dwar id-diżappunt fin-nuqqas ta' għarfin u kollaborazzjoni li jiffaċċja l-Kunsill. Kien qiegħed jgħid dan, minħabba, meta l-Awtorità tat-Trasport tkun bdiet tagħmel xi manutenzjoni ta' triq, jew bidu ta' proġett, bosta drabi nsiru nafu min-nies, jew mill-media. Iċ-ċelebrazzjoni fil-Mużew ta' Għar Dalam, lanqas biss konna nnotifikati. Huwa stqarr li m'aħniex niġu kkalkulati. Huwa kompla tenna, kif il-Perit ma jieħux parir mingħand il-Kunsill fuq il-problema tal-culvert, f' San Ġorġ. (AC) stqarr li l-informazzjoni dwar il-manutenzjoni fi Triq 22 ta' Frar u Triq Mons. Spir Penza, sar jaf li bdiet, mingħand ir-residenti.

27.06.04 Is-Sindku talab lil (SE) terġa' tikteb u tfakkar lid-direttur tal-Awtorità tat-Trasport, fuq it-tolga ta' Tank street.

27.06.05 Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-parti ta' Misraħ il-Knisja, sewwa sew Triq is-Sajjieda li sfrundat u li ħafna nies qegħdin jirraportaw. (SE) għandha tressaq din it-talba lil IM, forsi jiddeċiedu li jagħmluha huma.

27.06.06 Is-Sindku d-diskutta dwar is-servizz tal-Customer Care, ġewwa l-Kunsill. Ittieħdet deċiżjoni li meta skrivana tirriżulta li l-Ġimgħa ma daħlitx minħabba raġunijiet ta' mard, ma tidħolx overtime l-għada s-Sibt.

## 27.07 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

27.07.01 (SE) ikkunsultat mal-Kunsill dwar il-ħsieb li jinfetaħ kont bankarju mal-Bank APS. Dan minħabba struzzjonijet ġodda imposta mill-Bank of Valletta, dwar inaċċettazzjoni tal-muniti. Din id-deċiżjoni ħolqot disturbazzjoni kbira fil-proċess, ġewwa l-Kunsilli Lokali, imferrxin ma' Malta u Għawdex. Dwar dan is-suġġett saru laqgħat, kemm min-naħa tad-Dipartiment, kif ukoll mill-AKL. Il-kont bankarju ser jinfetaħ, għad-depożitu biss tal-ħlasijiet marbuta ma' taħrikiet mill-Aġenzija LESA, kif ukoll pagamenti relatati maċ-ċnus, tal-Awtorità

tad-djar. Filwaqt li l-kunsilliera approvaw il-ftuħ ta' dan il-kont, ġie ssuġġerit mill-viċi Sindku lis-(SE), sabiex tikseb iktar informazzjoni, jekk il-Kunsill jasal fi stadju li jittrasferrixi l-kontijiet bankarji tiegħu kollha, ma' dan il-Bank.

## 27.08 Mistoqsijiet imressqa mill-Kunsilliera

27.08.01 Il-kunsillier (SZ) staqsa lill-kunsillier (AC) jekk hux possibbli li Infrastructure Malta tatina kopja tal-pjanti ta' San Ġorġ. (AC) ser jibgħatlu kopja tal-pjanti.

27.08.02 (SZ) staqsa lill-kunsillier (AC) rigrward ix-xogħlijiet li kienu bdew fuq l-islipway ta' ħdejn il-moll tax-Shell. (AC) qal li ser jitkomplew dalwaqt.

27.08.03 (SZ) staqsa wkoll dwar Sqaq Kanon, fir-rigward li l-biċċa l-lesta tinsab fuq in-naħa ta' wara, iżda wieħed sabiex jagħdi jrid jagħdi mill-imħarbat. (SE) għandha terġa' tikteb lil (IM).

27.08.04 (SZ) reġa' qajjem il-punt dwar il-bandla għal persuni b' diżabilità. Kemm (SE) kif ukoll il-kunsillier (DP) spjegaw fuq il-komunikazzjoni li kellhom mal-Għaqda Persuni b' Diżabilità. Dan minħabba li ġejna nnotifikati li l-banda proposta ma tgħaddix mir-regolamentazzjoni tagħhom. (SE) intalbet sabiex, terġa' tagħmel kuntatt mas-CRPD u tikkonferma magħhom għal mudell alternattiv.

27.08.05 (SZ) ikkonferma mas-(SE) jekk l-uffiċċju rċeviex risposta mingħand l-Onorevoli Michael Farrugia, fir-rigward l-impjant tal-Gas. (SE) ikkonfermat li kien għad le. Madankollu, ġiet mitlub minn (SZ) sabiex terġa' tintbagħatlu reminder.

27.08.06 (SZ) spjega kif l-Għaqda Dilettanti tas-Sajjieda, fil-preżent qiegħda tħallas għas-servizz tad-dawl f' San Ġorġ, fejn din l-għaqda qiegħda tħallas pro-rata, għaliex m'għandhomx fejn iqiegħdu l-meter tad-dawl. (SZ) issuġġerixxa li dan jitwaħħal fl-isqaq dejjaq li hemm wara l-latrina pubblika, li fih wiesa' ta' tliet metri. Kien hemm qbiel unanimu li minflok jinbena kif qiegħed issuġġerit, jingħata permess lill-Għaqda, sabiex il-meters isiru fil-latrina, biss kemm il-meters, kif ukoll il-ħlasijiet dovuti, ikunu jgħajtu lill-istess Għaqda.

27.08.07 (SZ) staqsa jekk il-proposta li kien għadda l-kunsillier (CS) dwar il-manutenzzjoni tal-grawnd tal-Basketball, aħniex ser nagħmluha aħna. Għalkemm kulħadd qabel, però s'issa għad m' hemm xejn. Il-viċi qal li dan il-proġett għandu jkun segwit mill-kunsillier li jaqa' fi ħdan id-dekasteru tiegħu.

27.08.08 (SZ) ressaq talba għal parkeġġ għall-persuni b' diżabilità fi Triq San Patrizju. Il-kunsillier (AC) stqar li meta ssir in-naħa tar-residenti jkunu qegħdin jibbenifikaw ukoll dawk li joqogħdu fi Triq St. Francis. (SZ) kompla jispjega li bl-ebda mod mhux ser tintilef kaxxa bajda tal-ipparkjar, madankollu din għadha idea proposta. Il-parkeġġ ta' Triq San Patrizju kien approvat.

27.08.09 (SZ) issuġġerrixxa li jsir parkeġġ ieħor għall-persuni b' diżabilità, in-naħa t' isfel ta' Triq Zaren Dalli. Dan sabiex, meta n-nies jiġu l-Monti, ikunu jistgħu jwaqqfuhom fil-qrib.

27.08.10 (SZ) ressaq talba għal lampa ġdida ma' arblu fi Sqaq fi Triq tal-Karmnu. F'din it-triq hemm razzett tal-fniek u s-sid qiegħed jitlob għal lampa ġdida. Din il-lampa ġiet approvata. (SZ) għandu jibda l-proċess mall-uffiċċju.

27.08.11 (SZ) talab għal kopja tal-Job Description tal-Contracts Manager. (SE) għandha tibgħatlu kopja.

27.08.12 (SZ) staqsa fuq ir-railing li kellu jsir mal-bandli. Il-kunsillier (DP) stqaret li kienet tkellmet mal-foreman, filwaqt li dan kellu jmur ikejjel. (SE) għandha tkellem lil foreman dwar dan.

27.08.13 (SZ) ta' rendikont bħala statistika tax-xogħlijiet li wettqu l-Pulizija fil-Komunità minn Awwissu 'l hawn. Fost xogħlijiet imwettqa kien hemm: siegħat ta' patrol, assistew f' inċidenti, taw avviżi verbali u multi. Il-kunsilliera preżenti kollha kienu sodisfatti bix-xogħlijiet li qegħdin iwettqu l-pulizija fil-komunità.

27.08.14 Il-kunsillier (DP) staqsiet x'sar minnhom it-tabelli li kienet ordnat għall-Bajja s-Sabiħa. (SZ) wieġeb li dawn kienu twaħħlu bnadi oħrajn. Għaldaqstant, (DP) ikkonfermat jekk reġgħux ġew ordnati mill-uffiċċju. (SE) spjegat li minħabba li qbiżna l-kwota, l-uffiċċju għadu qiegħed jistenna xi kwotazzjonijiet mingħand vendituri oħrajn.

27.08.15 (DP) staqsiet lil (SZ) meta ser jibda jiltaqa' l-Bord. (SZ) wieġeb li l-ewwel trid issir emenda fil-Minuti (26) fejn għandhom jitniżżlu l-ismijiet tar-rappreżentanti, imbagħad wara jista' jibda jiltaqa' l-Bord.

27.08.16 (DP) tkellmet fuq il-food animal dispensers. Din hija sistema li ġiet introdiċuta f' Għawdex. Għaldaqstant (SE) intalbet sabiex, tintbagħat talba lil Ministru Anton Refalo.

27.08.17 (DP) spjegat kif l-uffiċċju ġie magħraf mill-Awtorità tat-Trasport li m'għandux x' jaqsam ma' applikazzjonijiet għal talba ta' Bajja għall-Klieb. (SE) intalbet sabiex, tara l-lista li nbagħtet ma' din l-emajl, fejn tindika ż-żoni għall-għum tal-klieb u terġa' tressaq it-talba.

27.08.18 Tabella għas-sewwieqa sabiex, joqogħdu attenti għall-qtates li jiġġerrew barra. (DP) spjegat ukoll kif inħarġet ċirkolari mill-AKL, b' kollaborazzjoni mal-Awtorità tat-Trasport li tindika li s-sinjali jridu jkunu approvati min-naħa tal-Awtorità biss. (SZ) spjega kif TM hija l-Awtorità bħala road safety, u għaldaqstant bdiet iddur it-tabelli għal dan lant. (SE) ġiet mitluba sabiex tibgħat reminder.

27.08.19 (DP) fakkret lis-(SE) fuq it-talba, sabiex il-biċċa fil-parkeġġ tal-Freeport, issir biċ-ċangatura għall-istruttura tal-qtates.

27.08.20 (DP) staqsiet lil viċi jekk smajniex xi ħaġa dwar l-iskema tal-Cat Feeders. Filwaqt li l-viċi wieġeb li għad m' hemm xejn, però talabha biex tfakkru.

27.08.21 (DP) staqsiet lil (SZ) fuq l-islipway ta' San Ġorġ, fejn kellu jiġi propost kurutur bejn il-boċċi tal-iswimming zone. (SZ) ser ikun qiegħed isegwi din it-talba.

27.08.22 (DP) tkellmet ukoll dwar il-proġett tal-Librerija. Hi staqsiet jekk għandhiex tkompli taħdem fuq dan il-proġett jew le, minħabba l-laqgħa li kienet saret mal-Ministru tal-Edukazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandha tkompli bil-proċess. (DP) qalet li l-iskema toffri s-somma ta' €2,000.00. Il-viċi fakkar li din is-somma ma tistax tintuża għal xiri ta' kotba biss. (SZ) issuġġerixxa fuq sistema li tixtri l-kotba u jaqrawhomlok. Madankollu, il-kunsillier (JBD) issuġġeritilha sabiex, titkellem mas-Surmast fuq il-proġett Teleskola.

27.08.23 (DP) resqet talba sabiex jiġu nstallati dog bins minn fejn Capo Terrece sal-AAA. Madankollu, il-Kunsill wieġeb li dik hija triq alterjali u mhix inkluża fil-kuntratt biex il-kuntrattur ibattal dawn il-bins. Għaldaqstant, il-Kunsill ma qabilx.

27.08.24 (DP) tkellmet ukoll dwar kif qegħdin jidħlu l-karozzi fi Triq il-bandli. (SZ) wieġeb li dik hija issue ta' infurzar u mhux min-naħa tal-Kunsill.

27.08.25 (DP) reġgħet fakkret fuq l-importanza tal-isleeping policeman, li kienet ġiet proposta u approvata mill-kunsill fis-seduti preċidenti, fir-rigward Triq il-Qajjenza. Dan minħabba li qiegħed isir ħafna qtiel ta' qtates, ikkaġunat minn veloċità qawwija fis-sewqan aċċessiv.

27.08.26 (MM) tkellmet dwar il-bollards li hemm fi Triq Għar Dalam li jinsabu maħmuġin. Hija stqarret li dawn jistgħu jiġu mnaddfa mill-ħaddiema tal-komunità. Madankollu, inġibdet l-attenzjoni li dik tkellmet hija triq alterjali u ma taqax taħt il-Kunsill.

27.08.27 (MM) tkellmet ukoll dwar il-cones li saru quddiem il-każin tal-Labour. (AC) wieġeb li dawk saru b'mod temporarju.

27.08.28 (MM) fuq l-istatt ħażin tal-bus stop tal-pjazza u li dan immissu jirranġah il-Kunsill. (SE) spjegat li riċenti kienet bagħtet emajl lil TM, wara telefonata mill-pulizija li xi tfal kisru l-perspex u li l-ġenituri lesti li jħallsu. Għaldaqstant, ġie mitlub sabiex il-foreman imur ikejjel il-perspex, jinbidel, imbagħad il-ġenituri jħallsu l-ispejjeż.

27.08.29 (MM) issuġġerit li t-triq tal-Papa ssir one-way. Il-kunsilliera ma qablux ma' dan is-suġġeriment.

27.08.30 (MM) tkellmet fuq il-proposta mill-GreenPak fuq it-twaħħil ta' kamera mal-ibins fi Triq il-Merżuq. Hija qalet li, issa ġaladarba wieħed jirrealizza li hemm kamera, jibda jarmi b' mod illegali fl-ibins l-oħra. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li s-(SE) għandha tikteb lil GreenPak u tinformahom li jew iwaħħlu kamera mal-ibins kollha, jew inkella jneħħuhom kollha.

27.08.31 (MM) resqet talba, sabiex il-Kunsill jixtri erbgħa pjanti tal-Oleander u jitħawlu quddiem l-istatwa tal-Madonna, li tinsab fi Triq l-Għerien. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

27.08.32 (MM) reġgħet tkellmet fuq l-istadju perikoluż li tinsab Triq it-Torri, minħabba l-Boganvilla li hemm ħierġa 'l barra mill-propjeta li kienet ta' San Luċjan Oil. (SE) spjegat li kienet bagħtet emajl lill-kumpanija Falzon, iżda dawn ma rrispondux. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li għadu jqabbad lil xi ħadd b' cherry picker u jaqta' l-friegħi maħruġin 'l barra.

**Peress li saru d-disgħa ta' filgħaxija, il-Kunsill talab għal estenzjoni ta' 30 minuta. Il-proponent kien il-viċi sindku, is-sekondat minn (JBD).**

27.08.33 (MM) talbet sabiex ir-reserved parking ta' ħdejn it-tabib Cachia Zammit, il-parkeġġ tad-diżabilità jersaq in-naħa tal-vann tal-ġelat. (MM) ipproponiet li jsiru bollards, minħabba li qegħdin ikissru l-pots bil-pjanti. (AC) ippropona li ngħollu l-bankina u jsiru konki bil-pjanti. (SZ) ser ikun qiegħed isegwi din it-talba.

27.08.34 Il-kunsillier (AC) tkellem fuq iċ-ċirkolari maħruġa mill-AKL dwar il-ħamiem, fejn stqarr li l-AKL ser tkun qiegħda taħdem fuqa.

27.08.35 (AC) spjega kif l-uffiċċju legali fi ħdan id-dipartiment ma laqax it-talba tal-Bye-Law, sabiex, mutur ma jkunx jista' jipparkja f' kaxxa ta' vettura. Għaldaqstant (SE) intalbet sabiex tressaq din it-talba lis-CEO ta' TM.

27.08.36 (AC) talab lis-(SE) sabiex terġa' tikteb lil TM fuq is-servizz tal-karozza tal-linja bin-numru (82).

27.08.37 (AC) staqsa lil (SZ) fir-rigward it-tender tal-fanali. (SZ) wieġeb li s'issa għadu ma semgħa xejn.

27.08.38 Il-kunsillier (AC) ressaq il-mozzjoni uffiċjali, datata 19 t' Ottubru, 2020, sabiex il-medda ta' art magħrufa bħala Wied il-Buni, fi Triq San Patrizju, Birżebbuġa, tiġi devoluta lill-Kunsill, mill-Awtorità tal-Artijiet. Din il-mozzjoni reġgħat għaddiet waqt din is-seduta, wara li d-dipartiment legali ma laqax il-Minuti tas-seduta (19). Il-votazzjoni għaddiet, b' 7 kunsilliera favur u 2 assenti. Il-Proponent għal din il-mozzjoni kien il-kunsillier (AC), is-sekondat mill-kunsillier (SZ). Din il-medda ta' art ser tkun inkorporata mal-proġett imniedi mill-Ministeru tat-Turiżmu, fejn ir-residenti ser ikunu qegħdin jibbenifikaw minn ħafna riżorsi provduti.

27.08.39 Il-viċi tkellem dwar talba għal mirjiet fiż-żona rurali. Dan żvela kif residenti li joqogħdu fl-għelieqi, m'hemmx mirja installati, u jista' jwassal għal xi inċident. (SZ) spjega li l-Kunsill ma jistax iwaħħal mirja lil propjetà privata, dan kien ġie deċiż fl-imgħoddi li s-sid jixtri l-mera, filwaqt li l-Kunsill jassistih bit-twaħħil. (SZ) issuġġerixa li għanda ssir policy li ma nistgħux nagħmlu mera lil kulħadd. Madankollu, jistgħu jsiru pjanċi tal-istanless steel. Il-mirja għandhom jiġu installati biss fi blind corners. Għaldaqstant, il-viċi għandu jipprovdi lista lill-uffiċċju ta' fejn qiegħed jissuġġerixxi li jitwaħħlu dawn il-mirjiet, imbagħad jagħdu għal proċess ta' evalwazzjoni ma' (SZ) li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu.

27.08.40 Il-viċi faħħar is-servizz provdut mill-pulizija tal-komunità, madankollu ħassu nkwetat kif dawn l-uffiċjali m'għandhomx it-taħrik tal-first aid. Għaldaqstant, talab sabiex dawn l-erbgħa uffiċjali, il-Kunsill jipprovdilhom it-taħriġ adekwat. Il-Kunsill qabel li għandu jissupplixxi dan it-taħriġ.

27.08.41 Il-viċi tkellem dwar l-isleeping policeman fi Triq il-Port Ħieles. Huwa staqsa jekk jistgħux isiru tal-lastiku. (SZ) qal li tal-lastiku definatament ma jistgħux isiru, għaliex huma akbar minn 2.5 metri, filwaqt li m'hemmx applikazzjoni ma' TM.

27.08.42 Il-kunsillier (JBD) tkellmet dwar il-problema li ż-żwiemel li qegħdin jagħdu mill-Qajjenza u jħallu warajhom il-ħmieġ. (SZ) spjega kif meta tkellem mal-ispettur tal-pulizija, qallu li jkunu jridu jaqbduhom fil-pront, sabiex iħarrikhom.

27.08.43 (JBD) tkellmet ukoll ukoll kif is-servizz tal-karozza tal-linja 210 u 110 li fil-weekend qiegħed jiġi provdut kull sagħtejn u mhux kull siegħa. (AC) wieġeb li ser jgħaddi kollox lis-(SE) sabiex tintbagħat emajl waħda.

27.08.44 (JBD) tkellmet fuq il-facebook post li tefgħu l-Għaqda Dilettanti tas-Sajjieda dwar l-islipway. (SZ) fakkar li TM kienet iltaqgħet mal-Kunsill u kienet ippreżentat l-islipway b'forma ta' 'S', iżda l-Għaqda oġġezzjonaw. Għaldaqstant, (SZ) ser ikun qiegħed isegwi billi ser jibgħat lil Perit fuq il-permessi: PA 08864/18 (Slipway – Triq il-Qajjenza) u PA 06341/20 (li nistgħu noġġezzjonaw sat-30 t' Ottubru).

27.08.45 (JBD) staqsiet jekk l-iskrivana l-ġdida li ser tibda mit-Tnejn, 2 ta' Novembru, għandhiex kompjuter. (SE) wieġbet li għandha kollox ippreparat.

27.08.46 (JBD) staqsiet jekk persuna toqgħod ġo dar u issa għamlet garage u jixtiequ jagħmlu drop- down, min irid jagħmila? Is-sindku u l-kunsillier qablu li għandu jagħmila l-Kunsill.*

## 27.06 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.06.01 Il-laqgħa aġġornat fid-disgħa u nofs ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru, fis-sitta ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |